**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 8 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 354/01 AJD**

**Jesmond Attard**

**vs**

**Salvu Cassar u George Cassar u b'digriet tal-31 ta' Ottubru, 2001, gie kjamat in kawza Anthony Vella**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Mejju, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm123.64), rapprezentanti hsarat u spejjez relattivi kkawzati miz-ziemel tal-konvenuti, jew min minnhom, li kien mahrub f'April, 2000.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 25 ta'Mejju, 2000, u 7 ta' Lulju, 2000, inkluzi dawk tal-Avviz tat-Talba, u bl-imghax mid-data tal-incident u cioe' l-20 ta' April, 2000, kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti Salvu Cassar u George Cassar fejn eccepew illi:-

1. Ahna ma ghandniex ebda ziemel. Li gara kien li ziemel ta' missier il-mara tal-konvenut Salvu Cassar harab fil-jum in kwistjoni.
2. Meta avvicinana l-attur ghidnilu biex igib xi prova li z-ziemel ikkaguna l-

hsara fil-vettura tieghu izda dan ma ghamlux.

Ra d-digriet tal-31 ta' Ottubru fejn giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Anthony Vella.

Sema' x-xhieda tal-attur, Stephen Birmingham, PC 299 Charles Mallia u tal-konvenut Salvu Cassar.

Ra r-risposta prezentata mill-kjamat in kawza fejn huwa eccepixxa li huwa ma jaf b'xejn ghaliex iz-ziemel ghalkemm propjeta tieghu, kien fil-pussess tal-konvenut Salvu Cassar li huwa r-ragel ta' bintu.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kaz jirrigwarda danni kawzati fil-vettura tal-attur minn ziemel mahrub fl-20 ta' April, 2000. Il-kontestazzjoni hija dwar min ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-hsarat kagunati fil-vettura tieghu miz-ziemel mahrub, u cioe' sid iz-ziemel – il-kjamat in kawza Anthony Vella jew il-persuna li kellha l-pussess taz-ziemel – il-konvenut Salvu Cassar.

2. Illi l-Artikolu 1040 tal-Kap. 16 jghid hekk:-

"Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab".

3. Illi l-kjamat in kawza fir-risposta tieghu jghid li ghalkemm iz-ziemel in kwistjoni huwa propjeta' tieghu, dan iz-ziemel kien fil-pussess tal-konvenut Salvu Cassar fil-mument li dan iz-ziemel harab u kkaguna danni fil-vettura tal-attur. Il-konvenut jinnega li z-ziemel kien fil-pussess tieghu izda fil-fehma tat-Tribunal ix-xhieda tieghu m'hijiex kredibbli u dan ghal zewg ragunijiet: (i) Mir-rapport tal-Pulizija (a fol. 25) jirrizulta li kien proprju Salvu Cassar li mar jirraporta l-Ghassa li z-ziemel kien nieqes u r-rapport donnu jindika li Cassar qal lill-Pulizija li z-ziemel kien tieghu; (ii) Il-konvenut Cassar inizjalment accetta mal-attur li jaghmel tajjeb ghad-danni, izda sussegwentement irrifjuta ghaliex qal lill-attur li z-ziemel ma kienx tieghu. It-Tribunal jidhirlu li fiz-zmien meta harab iz-ziemel u gew kawzati danni fil-vettura tal-attur, iz-ziemel in kwistjoni kien fil-pussess u taht il-kura tal-konvenut Salvu Cassar u ghalhekk ai termini tal-Artikolu tal-ligi hawn fuq citat, huwa ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur.

4. Illi l-'quantum' tad-danni ma jidhirx li qed jigi kontestat u inoltre l-attur esebixxa d-debiti ricevuti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-konvenut George Cassar mill-osservanza tal-gudizzju, u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Anthony Vella, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Salvu Cassar u jikkundanna lill-istess konvenut Salvu Cassar ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm123.64) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut Salvu Cassar skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**